



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0080/2009

3.12.2009

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità, b'konformità mal-punt 27 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod
(COM(2009)0660 – C7-0303/2009 – 2009/2207(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Reimer Böge

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEWError! Bookmark not defined.

ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILLError! Bookmark not defined.

NOTA SPJEGATTIVAError! Bookmark not defined.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT....Error! Bookmark not defined.

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità, b'konformità mal-punt 27 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod (COM(2009)0660 – C7-0303/2009 – 2009/2207(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0660 – C7-0303/2009),
 - wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod¹, u b'mod partikulari l-punt 27 tagħha,
 - wara li kkunsidra l-ewwel qari tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2009 tal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-2010²,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni adottata mit-tliet istituzzjonijiet dwar il-finanzjament tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku fit-2 ta' April 2009,
 - wara li kkunsidra r-riżultati tal-konċiljazzjoni tat-18 ta' Novembru 2009,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0080/2009),
- A. billi l-istituzzjonijiet tal-UE jqisu li huwa imperattiv li tiġi ffinanzjata t-tieni fażi tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku (EERP),
- B. billi waqt in-negozjati tal-adeżjoni tagħha, il-Bulgarija impenjat ruħha li tagħlaq l-impjant tal-enerġija nukleari ta' Kozloduy bl-għajjnuna ta' appoġġ finanzjarju mill-Komunità Ewropea bejn l-2007 u l-2009,
- C. billi l-għeluq tal-impjant ta' Kozloduy se jkompli wara l-2009 u se jkun jeħtieġ finanzjament ta' EUR 300 miljun għall-perjodu ta' bejn l-2010 u l-2013,
- D. billi ż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, fil-laqgħa ta' konċiljazzjoni tat-18 ta' Novembru 2009, iddeċidew li jimmobilizzaw l-Istrument ta' Flessibilità biex:
- jikkomplementaw il-finanzjament tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku għall-ammont ta' EUR 120 miljun fil-baġit tal-2010;
 - jiffinanzjaw l-għeluq tal-impjant tal-enerġija ta' Kozloduy għall-ammont ta' EUR 75 miljun fl-2010;

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² Testi adottati, P7_TA(2009)0051 u P7_TA(2009)0052.

1. Jinnota li, minkejja l-użu mill-ġdid ta' fondi mill-marġni tal-2009 u tal-2010, l-oġġla limitu tas-subintestatura 1a ma kienx jippermetti finanzjament adegwat tal-EERP u tal-għeluq tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Kozloduy; Jilqa' b'sodisfazzjon, għalhekk, il-ftehim li ntlaħaq matul il-konċiljazzjoni dwar l-użu tal-Istrument ta' Flessibilità favur dawn l-għanijiet għal ammont totali ta' EUR 195 miljun;
2. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni ppreżentat il-ħtiġijiet ta' finanzjament għal Kozloduy biss fl-Ittra ta' emenda Nru 2/2010, jiġifieri wara l-ewwel qari tal-Parlament, meta l-Parlament kien iffissa l-prijoritajiet tiegħu għall-baġit tal-2010; iqis li l-fatt li l-proposta waslet tard, ħaġa li ħolqot pressjoni addizzjonali fuq is-subintestatura 1a, affettwa b'mod konsiderevoli d-dinamika tan-negozjati dwar il-baġit tal-2010 kif ukoll l-abilità tal-Parlament li jsegwi l-prijoritajiet politiċi tiegħu;
3. Iqis, madankollu, li huwa essenzjali li dak li jkun jibqa' konformi mal-impenji politiċi mogħtija fil-Protokoll rigward il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ammissjoni tal-Bulgarija fl-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant li l-għeluq ta' Kozloduy jibqa' jiġi ffinanzjat fl-2010;
4. Jirrimarka li l-finanzjament ulterjuri ta' Kozloduy bejn l-2011 u l-2013 għandu jkun mingħajr ħsara għall-finanzjament tal-azzjonijiet u l-programmi pluriennali eżistenti;
5. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-risoluzzjoni;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNES: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Ta' ... ta' Diċembru 2009

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità, b'konformità mal-punt 27 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw il-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod¹, u b'mod partikulari l-ħames paragrafu tal-punt 27 tagħha,

wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi, wara li fil-laqgħa ta' konċiljazzjoni tat-18 ta' Novembru 2010 eżaminaw il-possibilitajiet kollha għar-riallokazzjoni tal-approprijazzjonijiet taħt is-subintestatura 1a, iż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja qablu li jimmobilizzaw l-Istrument ta' Flessibilità biex fil-baġit tal-2010 jikkomplementaw il-finanzjament, lil hinn mill-ogħla limitu tas-subintestatura 1a, ta':

- EUR 120 miljun għall-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tal-enerġija fil-kuntest tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku;
- EUR 75 miljun għall-għeluq tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Kozloduy.

JIDDEĊIEDU:

Artikolu 1

Għall-budget ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, l-Istrument ta' Flessibilità għandu jintuża biex tiġi pprovduta s-somma ta' EUR 195 miljun f'approprijazzjonijiet għall-impjenji taħt is-subintestatura 1a.

Dawn l-ammonti għandhom jintużaw sabiex jikkomplementaw il-finanzjament ta':

- EUR 120 miljun lejn il-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tal-enerġija fil-kuntest tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku;
- EUR 75 miljun għall-għeluq tal-impjant tar-reattur nukleari ta' Kozloduy.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

NOTA SPJEGATTIVA

Waqt il-konċiljazzjoni li saret fit-18 ta' Novembru 2009, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità favur il-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku u l-għeluq tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Kozloduy fil-Bulgarija.

Il-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku (EERP)

F'April 2009, it-tliet istituzzjonijiet laħqu ftehim dwar il-finanzjament tal-EERP fl-2009. Ġie miftiehem li l-ewwel fergħa tal-EERP, il-proġetti tal-enerġija taħt l-Intestatura 1a, tiġi ffinanzjata billi ż-żieda fl-Intestatura 1a, ta' EUR 2 biljun, tiġi kkompensata bi tnaqqis korrispondenti fl-Intestatura 2. It-tieni fergħa, l-internet tal-broadband fiż-żoni rurali, ġiet iffinanzjata mill-linja baġitarja tal-Iżvilupp Rurali, fil-marġni tal-Intestatura 2.

F'April, it-tliet istituzzjonijiet qablu wkoll, fis-sura ta' dikjarazzjoni konġunta, dwar il-modalitajiet bażiċi tal-finanzjament tat-tieni fażi tal-EERP. Id-dikjarazzjoni kienet tgħid li l-partijiet li fadal tal-EERP għandhom ikunu ffinanzjati billi fondi jiġu utilizzati mill-ġdid mingħajr ma jintmessu l-ammonti ġenerali għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali fl-2007-2013.

Minħabba l-marġni relattivament żgħir fl-Intestatura 1a, kien jidher ċar għall-Parlament li sempliċement użu mill-ġdid ta' fondi mhux se jkun biżżejjed biex l-EERP jkun iffinanzjat fl-2010. Fl-ewwel qari, huwa talab "fondi ġodda" billi jiġu adottati "emendi asterisk" li jmorru lil hinn mill-marġni tal-Intestatura 1a b'ammont ta' EUR 1,980 miljun. Fil-konċiljazzjoni, wara l-proposta tal-Kummissjoni għal Ittra ta' Emenda 2 u taġrif sussegwenti ieħor, is-sitwazzjoni dwar il-fondi disponibbli fl-2009 u l-2010 f'intestaturi differenti ċċarat ruħha. Bl-użu mill-ġdid tal-flus kien possibbli li tiġi ffinanzjata parti maġġura tal-proġetti tal-enerġija tal-EERP fl-2010. Madankollu, ammont ta' EUR 120 miljun ikollu jiġi kopert billi jiġi mmobilizzat l-Istrument ta' Flessibilità.

Kozloduy

Qed tingħata assistenza finanzjarja Komunitarja lil-Litwanja, is-Slovakkja u l-Bulgarija biex tappoġġa l-isforzi taġħhom biex jimplementaw l-impenn taġħhom li jagħlqu r-reatturi nukleari tal-ewwel ġenerazzjoni. L-appoġġ għall-Bulgarija kien regolat mit-Trattat tal-Adeżjoni u kellu jintemm fl-2009. Fi żmien in-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali l-Bulgarija kienet għadha mhijiex Stat Membru tal-UE u barra minn hekk, id-deċiżjoni dwar l-iżmuntaġġ ħaditha kemmxejn tard. Għalhekk, l-ebda dispożizzjoni ma ġiet inkluża fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2007-2013 għall-finanzjament imtawwal.

Il-proposta biex ikompli jsir finanzjament fl-2010 ġiet inkluż fl-Ittra ta' Emenda 2 tal-Kummissjoni, li s-soltu taġġorna biss l-estimi għan-nefqa fl-agrikoltura. Adottata fl-aħħar ta' Ottubru, l-ittra ta' emenda, li kien fiha proposta ġdida sostanzjali, poġġiet l-awtorità baġitarja quddiem sfida mill-akbar: kellha ssib il-finanzjament mhux biss għall-proġetti tal-enerġija tal-EERP imma wkoll għall-għeluq ta' Kozloduy fl-2010, u dan kollu fl-Intestatura 1a.

Meta jitqies l-impenn politiku li sar fin-negozjati tal-adeżjoni kif ukoll l-impenn ġenerali biex

ikun żgurat żmuntaġġ sikur ta' teknoloġija nukleari antika, huwa meħtieġ li jinstab il-finanzjament għal Kozloduy. Għalhekk, is-soluzzjoni li nstabet fil-konċiljazzjoni tal-baġit, jiġifieri l-finanzjament tal-għeluq fl-2010 billi jiġi mobilizzat l-Istrument ta' Flessibilità, hija l-aktar waħda adattata disponibbli. Peress li l-ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali se jkomplu fl-2011-2013, għal total ta' EUR 225 miljun, huwa indispensabbli li l-kwistjoni tiġi indirizzata f'reviżjoni intermedja tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Il-finanzjament ta' Kozloduy irid ikun iggarantit, imma mhux bi ħsara għal programmi u azzjonijiet oħra fl-Intestatura 1a.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	2.12.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 -: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Damien Abad, Marta Andreasen, Francesca Balzani, Reimer Böge, Giovanni Collino, Andrea Cozzolino, Jean-Luc Dehaene, James Elles, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Carl Haglund, Jiří Havel, Monika Hohlmeier, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Vladimír Maňka, Barbara Matera, Claudio Morganti, Nadezhda Neynsky, Miguel Portas, László Surján, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Cristian Silviu Buşoi, Frédéric Daerden, Constanze Angela Krehl, Giovanni La Via, Paul Rübig, Peter Šťastný, Derek Vaughan
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Bart Staes